# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2156

KAZ 2766

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Marco Cassar

u

Koperattiva All 4 One

Data : 4 ta' Gunju 2012

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Talba fir-Registru tal-Qorti fl-24 ta' Marzu 2010.

It-Tribunal zamm 12 il-seduta.

Marco Cassar, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant" kien assistit mill-Avukat Victor Scerri u l-Koperattiva All 4 One, aktar il-quddiem tissejjah il "Koperattiva" kienet rapprezentata minn Roderick Castillo u Shane Muscat assistiti mill-Avukat Nadia Vella.

L-appellant sostna li gie mkecci ngustament ghaliex meta mitlub jaghmel test ta' l-urina hu rrifjuta ghaliex kien taht kura medika u dak il-hin gie nfurmat biex ma jattendix aktar ghax-xoghol u fl-istess jum inata l-formola tat-temm ta' l-impieg.

Il-Koperattiva kkontendiet li l-appellant ma kienx impjegat taghha izda kien "Self-Employed" skond kuntratt bejniethom. Fil-fatt skond il-klawsola 8 ma kienux jitnaqqsu mill-paga tieghu t-taxxa taht is-sistema tal-PAYE u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali kif ukoll ma kienx intitolat ghal leave, sick leave jew bonus. Barra minn hekk ufficjali taghha kienu nformati li l-appellant kien qed jahdem waqt li kien taht l-inflwenza tad-drogi. Minhabba l-obbligi morali u legali lejn il-haddiema tal-Freeport huma nsistew li jsir test mediku fuq l-appellant izda hu rrifjuta li jaghti kampjun ta' l-urina. Qal li

minhabba "joint" se jitlef kollox u talab iz-zmien biex jilhaq jitnaddaf mis-sustanzi. Dak in-nhar ma semma' xejn dwar xi kura medika kif allega fit-talba tieghu lit-Tribunal.

It-Tribunal kellu l-ewwel jiddeciedi jekk l-appellant kiex impjegat jew "self-employed". Hu kien originarjament impjegat fuq bazi "part-time"u sussegwentement "full-time" b'kuntratt. It-Tribunal jinnota li l-kuntratt li gie prezentat m'ghandux data u ghalkemm iffirmat mill-appellant mhux iffirmat minn rapprezentanti tal-Koperattiva.
Fil-bidu tal-kuntratt l-appellant jissejjah bhala impjegat u f'klawzola 1 hemm stipulat li "Bhala impjegat tal-Koperattiva All 4 One int dejjem ghandek issegwi d-direttivi tal-Managers u l-Membri li huma ……..". Fit-2 hemm indikat is-sighat tax-xoghol, fit-3 li "overtime huwa obbligat" u fir-4 kif inhu mqassam ix-xoghol. Fil-5 hemm indikata r-rata tal-paga, s-6 u s-7 jittrattaw dwar il-paga u d-9 u l-10 dwar assenza mix-xoghol. Il-11 jistipula li bhala impjegat ta-Koperattiva m'ghandux dritt ikun membru f'xi Union. It-12 sal-20 jkopru se jkun ix-xoghol u kif ghandu jaqdi d-dmirijiet tieghu.

Hija biss fil-klawzola 8 li jinghad li se jkun jahdem mal-Koperattiva.bhala "self-employed", li taxxa u bolla huma dmir tieghu, li mhux se jkun intitolat ghal-leave jew sick leave u ghal bonus.

It-Tribunal ma jistghax jaccetta li kuntratt li jittratta l-impieg ta' persuna fil-klawzoli kollha barra wiehed jinbidel minn kuntratt ta' mpieg ghal dak ta' "self-employed" ghaliex il-Koperattiva ma riedetx terfa' responsabbilta ta' hlasijiet stabbiliti bil-ligi jew tati leave jew sick leave u thallas bonus. Il-kuntratt fil-kompless tieghu jistabbilixxi relazzjoni ta' mpjegat ma principal u ghalhekk it-Tribunal iqis li l-appellant ghandu jkun konsidrat bhala mpjegat tal-Koperattiva.

Dwar il-merti tal-kaz mix-xhieda u d-dokumenti jirrezulta li :

- il-Koperattiva kellha rapporti mill-management tal-Malta Freeport Terminals Ltd. li l-appellant kien qed ikun taht l-influwenza tad-droga waqt il-hin tax-xoghol kif ukoll theddida li jekk ma tiehux passi mmedjati dwar din il-problema kien jigi terminat il-kuntratt li kellha mal-Freeport. Haddiema ta' din il-Kumpanija kienu ilmentaw ukoll dwar din l-allegazzjoni u wiehed minnhom avza l-Koperattiva li f'kaz ta' xi ncident izommha risponsabbli ;
- il-Koperattiva ddecidiet li taghmel testijiet fuq numru ta' haddiema fosthom l-appellant ;
- l-appellant u haddiem iehor irrifjutaw li jatu l-urina meta ntalbu biex jaghmlu it-test.
- dawn bdew jirvillaw, qalu li huma haxixa biss jiehdu u talbu li ma jsirx it-test dak in-nhar izda jinataw zmien biex jitnaddfu ;

- l-appellant qal ukoll "ha tkissruni fuq bicca joint", ghamel theddid kontra l-Koperattiva u talab li xi hadd mill-ufficjali taghha jatu l-urina ghat-test minfloku;
- l-appellant jinnega li qal dan id-diskors jew li agixxa b'dan il-mod izda dan gie sostnut minn ufficjali tal-Koperattiva ;
- l-appellant jghid li kien qal lill-ufficjali tal-Koperattiva li ma riedx jati l-urina ghaliex kien taht kura medika u kellu struzzjonijiet mit-tabib biex ma jaghmilx testijiet ta' l-urina ghaliex il-medicina li kien qed jiehu setghet tirrefletti fir-rezultat tat-test izda l-ufficcjali tal-Koperattiva jghidu li dak in-nhar la semma kura medika, la medicina u anqas tabib ;

- Meta xehed it-tabib l-appellant ma tahx permess biex jghid jekk il-medicina li kien jiehu kelliex konnessjoni mad-droga. It-tabib qal li ma kienx tah struzzjonijiet biex ma jatix urina izda ftakar li f'xi zmien l-appellant kien staqsieh jekk il-medicina li kien qed jiehu kienetx tigi riflessa fir-rizultat ta' xi test ta' l-urina. Hu kien ikkonfermalu li dan seta jigri f'test ta' l-urina jew tad-demm ;
- Ghalkemm kien hemm insistenza mill-Koperattiva li t-Tribunal jordna li t-tabib jigi ezentat mis-sigriet professjonali ma deherlux li ghandu jaghmel dan galadarba l-appellant ma riedx itih il-permess. Izda t-Tribunal kien jiehu konsiderazzjoni ta' l-implikazzjonijiet tar-rifjut.

Meta kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal deherlu li l-Koperattiva ma kelliex ghazla ghajr li tittermina l-impieg ta' l-appellant. Dan ghaliex kellha l-obbligu morali u legali li thares is-sahha u s-sigurta tal-haddiema tal-Freeport li kienet tittrasporta bis-sewwieqa taghha. Kien hemm il-periklu li titlef il-kuntratt u l-possibbilta ta' telf ta' l-impieg ghall-haddiema l-ohra. L-evidenza kontra l-appellant, ir-rifjut li jati kampjun ta' l-urina u c-cahda lit-tabib li jixhed dwar in-natura tal-medicina kollha jimmilitaw kontra l-appellant u joholqu gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

Ghalkemm it-Tribunal jiddeciedi li kien hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg mhux sodisfatt bil- procedura li uzat il-Koperattiva ghat-tkeccija ta' l-appellant. Kien messa ssospendietu u tatu opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu qabel keccietu.. Minhabba dan in-nuqqas kellu jaghmel il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal bl-ispejjes li dan jinkorri meta nqata hesrem id-dhul li kellu mill-impieg..

Ghalhekk it-Tribunal jordna li l-Koperattiva thallas l-ammont ta' € 750 (seba mija u hamsin ewro) lill-appellant fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Minhabba n-numru ta’ seduti u nuqqas ta’ facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit fil-ligi.

Ghall-fini ta’ l-Avviz Legali 48 ta’ l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ € 94 (erbgha u disaghin ewro).

B’hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-SEGRETARJU